# Il-Ħadd 19.07.2020

1. Illum 19/07**:**
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
2. It-Tnejn 20/07:
   - Fil-5:00pm - Laqgħa tal-Kappillan mat-tfal (Subien u Bniet)
     li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina, fil-Knisja Parrokkjali.
   - Fis-7:30pm - Laqgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali
     għal dawk li huma responsabbli mill-Festa.
3. L-Erbgħa 22/07:
   - Fil-5:00pm - L-Ewwel Qrara fil-Knisja Parrokkjali
     għat-Tfal li ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina.
4. Il-Ġimgħa 24/07:
   - Fil-5:00pm - Rehearsal u l-aħħar preparamenti għall-Ewwel Tqarbina.
5. Is-Sibt 25/07:
   - Fl-4:30pm - Laqgħa tal-Abbatini.
   - Fil-5:00pm - Qrar għall-Ġenituri u dawk involuti fl-Ewwel Tqarbina.
6. Il-Ħadd 26/07: ***Jum l-Ewwel Tqarbina***
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina.
     *Infakkar li dak in-nhar jistgħu jattendu biss il-familja u xi qraba.*
7. Avviżi oħra:
   - Tajjeb li nagħtu aktar importanza lill-ħin tal-Adorazzjoni,
     kemm hawn fil-knisja u kemm fil-kappella ta' Santa Marija:
     - Filgħodu mit-8:00am sa' 12:00pm, u
     - Filgħaxija mit-3:00pm sas-6:00pm.
   - Infakkar li b'rabta mal-Festa li ser niċċelebraw nhar il-Ħadd 30 ta' Awwissu b'quddiesa solenni filgħodu u b'pellegrinaġġ bl-istatwa ta' San Pawl filgħaxija, bi ħsiebna noħorġu pubblikazzjoni ridotta b'xi informazzjoni u anke dettalji tal-Festa. Dawk li jixtiequ jirreklamaw fih mitluba javviċinaw lil Dorian Baldacchino jew lil Tarcisio Barbara mill-aktar fis.
   - B'rabta mal-Festa, bi ħsiebna noħorġu l-Envelopes ukoll, iżda li għal din is-sena, apparti li bid-donazzjonijiet li ser toffru nkunu nistgħu nkopru l-ispejjeż tal-Festa, għandna l-ħsieb li nagħmlu wkoll ġest ta' solidarjetà billi bħala parroċċa ngħaddu għajnuna finanzjarja lil xi istituzzjonijiet ta' Karità. Nafda fil-ġenerożità tagħkom.
   - Mit-Tnejn li ġej (27/07) sas-Sibt (01/08), l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq.
   - L-applikazzjonijiet tal-korsijiet għall-adulti organizzati mid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol huma miftuħin għall-pubbliku minn 15-il sena 'l fuq sal-Ġimgħa 7/08/20. Min ikollu bżonn l-għajnuna biex jimla l-applikazzjoni jista' jmur fil-Kunsill Lokali jew f'wieħed miċ-Ċentri Nazzjonali ta' *servizz.gov*.
8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 150 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda.
   - € 130 bħala donazzjoni għall-manutenzjoni tal-knisja.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief
     fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.